# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**
**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**
**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 8 ta' Mejju, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 537/98mm**

**Maltacom p.l.c. gia Korporazzjoni**

**TeleMalta (Sezzjoni Arretrati)**

**vs**

**Colin Tabone**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' seba' mija u tliet liri Maltin u seba' centezmi (Lm703.07) u dan kif jirrizulta mill-kopja ta' l-istatement of account immarkat bhala Dok A, rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-

numru 573029, liema servizz gie nstallat fil-fond ufficjalment immarkat 126, Triq Xemxija, San Pawl il-Bahar, u dana skond ma kif jidher mis-service agreement Dok B.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorja tad-9 ta' Gunju, 1997, u bl-imghax legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li permezz taghha rriduciet it-talba ghal erba' mija u erbgha u tletin lira Maltin u dsatax-il centezmu (Lm434.19) in vista illi l-konvenut effettwa diversi pagamenti fil-mori tal-kawza.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-3 ta' Mejju, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici kif ridotta u cioe' ghal erba' mija u erbgha u tletin lira Maltin u dsatax-il centezmu (Lm434.19) bl-ispejjez kontra l-konvenut.